TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/199/13/S

Monique u Ross Pulo
Vs
Ben Camilleri

Illum 24 ta'Lulju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Roberta Portelli u George Farrugia maghmula f'isem Monique u Ross Puloipprezentata fit-13 ta'Settembru,2013 u r-risposta tal-intimat Ben Camilleri ipprezentata fit-8 ta'Novembru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, inkluz in-nota ta' cessjoni[1] u sussegwentement it-talba biex it-talba titpogga fuq il-lista tal-kawzi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar kirja t'appartament waqt zjara tar-rikorrenti f'Malta;

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat qed tigi michuda *stante* li l-kawza odjerna mhijiex fuq il-kundizzjonijiet tal-kirja izda fuq lozor li allegatament ma kinux nodfa;

Illi r-rikorrenti ilmentaw fuq il-lozor li ma kinux nodfa ghalkemm gie allegat li ma sar ebda ilment meta gew murija l-appartament;

Illi r-rikorrenti qed jallegaw li ma inghatawx is-servizz li wiehed jistenna minn kummercjant;

Illi daparti tieghu l-intimat ipprezenta x'kien reklamat minnu u ma jidher li hemm xejn li ma jirrispekkjax dak li nstab mir-rikorrenti ghajr l-allegazzjoni li l-lozor kienu imtebbghin;

Illi apparti li gie ribadit li l-lozor kienu nodfa (ghalkemm setghu kienu imtebbghin), l-intimat ha hsieb li jinbidlu minnufih;

Illi ghalkemm saret it-talba biex il-kaz odjern jerga' jinstema' minghajr ir-rapprezentanti ta'qabel, hadd mir-rikorrenti ma gie Malta biex jikkonferma dal minnhom allegat u biex isir il-kontro-ezami;

Illi mill-provi jirrizulta li l-intimat ha azzjoni hekk kif sar ilment;

Illi mill-provi quddiem it-Tribunal, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrenti mhijiex gustifikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Monique u Ross Pulo u Jilqa' l-eccezzjoni ta' Ben Camilleri, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] Fol 10 tal-atti.